**331. L-Onor. Lawrence Gonzi MP, Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi** jipproponi:-

Download Image file

Peress illi f'Lisbona, fit-13 ta' Diċembru, Malta, flimkien ma' l-Istati Membri l-oħra kollha ta' l-Unjoni Ewropea iffirmat it-Trattat ta' Lisbona li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ("it-Trattat"), liema Trattat ġie pubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea fl-17 ta' Diċembru 2007 (Serje C, Nru. 306);

Peress illi t-test ta' dan it-Trattat inbena fuq bażi ta' Mandat, li fuqu qablu l-Istati Membri kollha, għall-Konferenza Intergovernattiva bejn il- Gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ugwalment rappreżentati u li waslet għal ftehim unanimu aħħari dwar it-test ta' dan it-Trattat fid-19 ta' Ottubru 2007;

Peress illi Malta tqis li t-Trattat jagħti xhieda ta' Unjoni Ewropea li hija Unjoni kemm ta' Popli kif ukoll ta' Stati, mibnija, fi proċess ta' integrazzjoni li ilu għaddej iktar minn 50 sena, fuq il-paċi, il-valuri u l-prosperità tal-Popli u Stati kollha Ewropej;

Peress illi Malta, tul l-istorja, dejjem tat kontribuzzjonijiet għal ħarsien tal-valuri u ta' l-identita' Ewropea, li ssawru wkoll minn sisien Mediterraneji;

Peress li f'dan it-Trattat, l-Istati Membri jispiraw ruħhom mill-wirt kulturali, reliġjuż u umanista ta' l-Ewropa, li minnu żviluppaw il-valuri universali tad-drittijiet invjolabbli u inaljenabbli tal-bniedem, kif ukoll il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, u l-istat tad-dritt;

Peress li t-Trattat jinkludi l-kundizzjonijiet kollha li Malta kisbet fit-Trattat ta' L-Adeżjoni ta' Malta ma' l-Unjoni Ewropea inkluż kull Dikjarazzjoni u Protokoll hemm mehmuża u jsaħħah l-istess kundizzjonijiet b'kisbiet oħra, fosthom dwar ir-rappresentanza ta' Malta fl-Istituzzjonijiet varji ta' l-Unjoni Ewropea u dwar ir-rikonoxximent ta' Stati Membri li huma gżejjer għall-fini tal-politika ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali ta' l-Unjoni Ewropea;

Peress illi t-Trattat, skond l-Artikolu 6 tiegħu, għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009, bil-kondizzjoni li jkunu ġew depożitati l-istrumenti ta' ratifika kollha, jew, fin-nuqqas ta' dan, fl-

ewwel jum tax-xahar wara d-depożitu ta' l-istrument ta' ratifika mill-Istat firmatarju li jwettaq dan il-pass l-aħħar;

Peress li bis-saħħa ta' l-artikolu 2 (2) ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea (KAP 460), il-Prim Ministru jista' jagħmel Ordni sabiex trattat speċifiku jitqies bħala ħaġa waħda mat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' Malta ma' l-Unjoni Ewropea; u peress li l-istess artikolu jipprovdi li l-ebda Ordni bħal dak ma jista' isir qabel ma abbozz tiegħu jkun approvat b'riżoluzzjoni tal-Kamra wara li tali riżoluzzjoni tkun ġiet sottomessa għall-eżami mill-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Barranin (jew dak il-Kumitat Permanenti li minn żmien għall-ieħor jissostiwixxi l-istess Kumitat);

U peress li l-Prim Ministru bi ħsiebu joħroġ Ordni kif fuq imsemmi li abbozz tiegħu qiegħed jiġi anness ma' din ir-riżoluzzjoni;

Għalhekk din il-Kamra, wara li l-mozzjoni tiġi sottomessa lill-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, tirriżolvi li:

1. tawtorizza r-ratifika tat-Trattat ta' Lisbona li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

1. tawtorizza l-ħruġ ta' l-Ordni mill-Prim Ministru li abbozz tagħha jinsab anness ma' din ir-riżoluzzjoni.

16.1.08

**A.L. ta' l-2008**

**ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA**

**(KAP. 460)**

**Ordni ta' l-2008 dwar it-Trattat ta' Lisbona**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

**Titolu.**

**1.** It-Titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2008 dwar it-Trattat ta' Lisbona.

**Interpretazzjoni.**

**2.** F'dan l-Ordni, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort' oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Unjoni Ewropea;

"It-Trattat speċifikat" tfisser it-Trattat bejn ir-Renju tal-Bejgju, r-Repubblika tal-Bulgarija, r-Repubblika Ċeka, r-Renju tad-Danimarka, r-Repubblika Federal tal-Ġermanja, r-Repubblika ta' l-Estonja, r-Repubblika Ellenika, r-Renju ta' Spanja, r-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, r-Repubblika Taljana, r-Repubblika ta' Ċipru, r-Repubblika tal-Latvja, r-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, r-Repubblika ta' l-Ungerija, r-Repubblika ta' Malta, r-Renju ta' l-Olanda, r-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Polonja, r-Repubblika Portugiża, r-Rumanija, r-Repubblika tas-Slovenja, r-Repubblika Slovakka, r-Repubblika tal-Finlandja, r-Renju tal-Isvezja, r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea li kien iffirmat Lisbona fit-13 ta' Diċembru, 2007;

"It-Trattat" għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Att.

**It-Trattat Speċifikat għandu jitqies bħala haġa waħda mat-Trattat.**

**3.** Għall-iskopijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att huwa b'dan iddikjarat illi t-Trattat Speċifikat jidħol fis-seħħ bejn il-pajjiżi kollha firmatarji, kif provdut fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 6 tat-Trattat Speċifikat.

**L.N. of 2008**

**EUROPEAN UNION ACT**

**(CAP. 460)**

**Treaty of Lisbon Order, 2008**

IN exercise of the powers conferred by subarticle (2) of article 2 of the European Union Act, the Prime Minister has made the following Order:-

**Title**

**1.** This order may be cited as the Treaty of Lisbon Order, 2008.

**Interpretation.**

**2.** In this order, unless the context otherwise requires:

"the Act" means the European Union Act;

"the Specified Treaty" means the Treaty between the Kingdom of Belgium, the Republic of Bulgaria, the Czech Republic, the Kingdom of Denmark, the Federal Republic of Germany, the Republic of Estonia, the Hellenic Republic, and the Kingdom of Spain, the French Republic, Ireland, the Italian Republic, the Republic of Cyprus, the Republic of Latvia, the Republic of Lithuania, the Grand Duchy of Luxembourg, the Republic of Hungary, the Republic of Malta, the Kingdom of the Netherlands, the Republic of Austria, the Republic of Poland, the Portuguese Republic, Romania, the Republic of Slovenia, the Slovak Republic, the Republic of Finland, the Kingdom of Sweden, the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland amending the Treaty on European Union and the Treaty establishing the European Community, signed at Lisbon on 13 December 2007;

"the Treaty" has the same meaning as that given in the Act.

**The Specified Treaty shall be considered as one with the Treaty.**

**3.** For the purposes of subarticle (2) of article 2 of the Act it is hereby declared that the Specified Treaty shall be considered as one with the Treaty immediately upon the coming into force of the Specified Treaty between all the signatory states thereof as provided in paragraph 2 of Article 6 of the Specified Treaty.